

**Ġ5.1.3**

Għalfejn jiġu t-turisti fil-Gżejjer Maltin?

## A. X'jagħmlu t-turisti hawn Malta?

Din it-tabella turina l-attivitajiet illi għamlu t-turisti waqt iż-żjara tagħhom f'Malta fl-2013.




**Iddiskuti:**

- X'qed tara fit-tabella?
- Liema postijiet marru jżuru t-turisti waqt il-btala tagħhom f'Malta?
- Fejn l-aktar li marru?
- Fejn l-inqas li marru?

## B. Aqra din u wara wieġeb il-mistoqsijiet.




Skont din it-tabella, l-iktar attività popolari mat-turisti kienet li jduru madwar Malta u Għawdex biex jaraw ix-xeni sbieħ illi għandna. Mod tajjeb kif tagħmel dan huwa permezz tas-servizz magħruf bħala *HOP ON HOP OFF*. Kowċ apposta bħal tar-ritratt iddawrek madwar il-Gżejjer Maltin. Fejn ikun jinteressak, tinżel biex tara x-xena u ddur. Imbagħad terġa' titla' l-kowċ li tiġi wara u tkompli ddur. Hekk tagħmel ġurnata jew tnejn iddur u tara x-xeni l-iktar interessanti madwar Malta u Għawdex.

**WIEĠEB bil-għajnuna tat-tabella**.

1. Immaġina li inti turista ġej Malta għall-ewwel darba. Għandek jumejn żmien biex iddur dawra mal-Gżejjer Maltin. Semmi **żewġ postijiet** li tmur iżżur żgur.

   a) ____________________________________

   b) ____________________________________



2. Liema huma l-aktar żewġ attivitajiet li jħobbu jagħmlu t-turisti meta jiġu Malta?

   a) ___________________________ b) ___________________________

3. Fis-sena 2013, fejn marru l-iktar it-turisti, iżuru siti storiċi jew il-knejjes Maltin?

   _______________________________________________________________

   _______________________________________________________________



4. Semmi żewġ siti storiċi li jħobbu jżuru t-turisti fil-Gżejjer Maltin.

   a) ______________________________

   b) ______________________________

5. It-turisti li jiġu Malta, fejn iħobbu jmorru l-iktar, iżuru l-mużewijiet jew imorru xi festa tar-raħal?

   ____________________________________________________

   ____________________________________________________

6. Semmi żewġ mużewijiet li jħobbu jżuru t-turisti meta jiġu għal xi vaganza fil-Gżejjer Maltin:

   a) ______________________________

   b) ______________________________

## **Ċ. Din it-tabella turina għalfejn it-turisti ġew Malta fis-sena 2013.**




*Source: MTA Market Profile 2013*

**Wieġeb skont it-tabella billi timmarka t-tajbin.**

1. X'inhi r-raġuni prinċipali li għaliha ġew it-turisti fil-Gżejjer Maltin fis-sena 2013?
   a) għax il-Maltin jitkellmu bl-Ingliż sew.
   b) għax għandna klima tajba.
   ċ) biex jaraw il-postijiet storiċi.

2. It-turisti jħobbu ħafna l-klima u t-temp ta' Malta, għax
   a) it-temperatura normalment la tkun sħuna ħafna u lanqas kiesħa ħafna.
   b) jagħmel ħafna silġ.
   ċ) tagħmel ħafna xita fis-sajf.

3. Skont it-tabella, it-tielet raġuni għala jiġu t-turisti hija l-istorja u l-kultura tagħna. Fl-istorja tagħna nsibu
   a) l-logħob tal-futbol fil-grawnd Ta' Qali.
   b) t-toroq traffikużi.
   ċ) t-tempji megalitiċi.

4. Meta nitkellmu dwar 'Maltese Hospitality' nkunu qegħdin nitkellmu dwar
   a) il-festa tar-raħal.
   b) kemm nittrattaw mat-turisti bil-kortesija.
   ċ) l-għawm u l-isports tal-baħar.

5. Fis-sena 2013 madwar 24% tat-turisti li ġew Malta:
   a) kienu ġa żaru l-Gżejjer Maltin qabel.
   b) ġew minħabba l-festa tar-raħal.
   ċ) ġew għax il-Maltin magħrufa bħala nies ta' qalbhom tajba.

6. Fost ir-raġunijiet li semmew it-turisti għalfejn iħobbu jiġu Malta, huma semmew li

   a) l-Maltin iħobbu t-tiġrijiet taż-żwiemel.

   b) mal-maġġoranza tal-Maltin tista' tikkomunika bil-lingwa Ingliża.

   ċ) l-Maltin jorqdu kmieni.

**D. Din it-tabella hija dwar il-pajjiżi barranin minn fejn ġew studenti Malta biex jitgħallmu l-Ingliż.**




**Wieġeb.**

1. Minn fejn ġie l-ikbar numru ta' studenti biex jitgħallmu l-Ingliż f'Malta fis-sena 2013?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Agħti raġuni waħda għaliex iż-żgħażagħ ta' dan il-pajjiż ikunu jixtiequ jitgħallmu l-lingwa Ingliża?

______________________________________________

______________________________________________

3. Skont it-tabella t'hawn fuq, it-tieni l-ikbar numru ta' studenti ġie mir-Russja. Wieġeb.

a) Normalment iż-żgħażagħ Russi jitkellmu bil-lingwa ________________

b) Għaliex taħseb illi jkunu jixtiequ jitgħallmu l-Ingliż?

______________________________________________

______________________________________________

4. Semmi raġuni waħda għaliex taħseb illi dawn l-istudenti jagħżlu lil Malta biex jiġu jitgħallmu l-Lingwa Ingliża

______________________________________________

______________________________________________

5. Għaliex taħseb illi huwa ta' benefiċċju għalina meta jiġu dawn l-istudenti biex jitgħallmu l-Lingwa Ingliża f'Malta? Semmi raġuni waħda.

______________________________________________

______________________________________________

6. Semmi attività oħra minbarra l-istudju tal-Lingwa Ingliża, li dawn iż-żgħażagħ jagħmlu meta jkunu Malta.

______________________________________________

______________________________________________